31 ta' Mejju, 1946.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Giovanni Portelli et. *versus* Giuseppe Schembri

**Skrittura Privata — Firma ta' Waħda Biss mill-Partijiet.**

***Skrittura privata li tiġi firmata minn waħda biss mill-partijiet u minnha konsenjata lill-parti l-oħra, biex din iżżommha għandha, hija valida avvolja ma tkunx ġiet iffirmata minn dik il-parti l-oħra; għax din il-konsenja tissupplixxi għan-nuqqas tal-firma ta' dik il-parti l-oħra.***

L-attur fit-taħrika qal li b'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tad-9 ta' Marzu 1944 hu kkonċeda in enfitewsi perpetwu lill-konvenut il-korp ta' beni li qiegħed Ħal Luqa, Triq Valletta, biċ-ċens ta' £120 fis-sena, bid-dritt ta' l-istess Portelli li ma' tul l-ewwel sena mid-data tal-kuntratt jobliga lill-imsemmi Giuseppe Schembri li jifdi nofs iċ-ċens fuq imsemmi bir-rata tat-tlieta fil-mija (3%) (dok. A); li bi skrittura privata tas-27 ta' Ġunju 1945 il-kontendenti pprorogaw it-terminu ta' sena fuq imsemmi għal sitt xhur oħra (dok. B), liema terminu kellu jiskadi fid-9 ta' Settembru 1945; u li b'ittra uffiċjali tat-13 ta' Settembru 1945 hu interpella inutilment lill-konvenut biex jaddivjeni għall-kuntratt ta' redenzjoni ta' nofs iċ-ċens fuq imsemmi skond il-kuntratt magħmul fl-atti tan-nutar Edoardo Calleja Schembri tad-9 ta' Marzu 1944; u talab li, wara li tiġi magħmula kull dikjarazzjoni meħtieġa, u meħud kull provvediment opportun, il-konvenut (1) għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi kundannat li jirredimi nofs iċ-ċens perpetwu fuq imsemmi bir-rata tat-3%, u konsegwentement li jħallas is-somma ta' £2000 prezz ta' l-imsemmija redenzjoni, (2) jiġi nominat minn dina l-Qorti nutar biex jippubblika l-kuntratt ta' redenzjoni f'dak il-jum, lok u ħin, li dina l-Qorti jogħġobha tiffissa, u kuratur biex jirrappreżenta

lill-konvenut jekk dana jibqa' kontumaċi; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali tal-20 ta' Lulju, u tat-13 ta' Settembru 1945, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Mill-iskrittura eżibita fil-fol. 4 tal-proċess jirriżulta li l-imħarrek obliga ruħu li jifdi ċ-ċens, kif intqal fit-taħrika, fi żmien sena, jekk l-attur jobligah. Fis-27 ta' Gunju 1945 il-partijiet ftehmu li jipprorogaw it-terminu sad-9 ta' Settembru 1945. Dak il-ftehim sar b'kitba privata li ġiet minnu konsenjata lill-attur li eżibiha mat-taħrika. Fl-20 ta' Lulju 1945 l-attur interpella lill-konvenut b'ittra uffiċjali ħalli jersaq għall-att tal-fidwa taċ-ċens, u fit-13 ta' Settembru ta' wara bagħatlu ittra uffiċjali oħra; iżda l-konvenut ma resaqx għall-att;

Il-Qorti tosserva li l-kitba tas-27 ta' Gunju 1945 mhix nulla kif issottometta verbalment il-konvenut fis-smigħ tal-kawża, għax għalkemm mhix iffirmata mill-attur ukoll, hija kienet torbot peress li ġiet redatta u ffirmata mill-konvenut u minnu konsenjata lill-attur biex dan iżommha għandu, u dana jissupplixxi għan-nuqqas tal-firma ta' l-attur (ara sentenza Appell Kummerċjali 16 ta' April 1926 in re "Camillo Mifsud vs. Salvatore Sacco", Kollez. XXVI—II—101);

Għaldaqstant l-imħarrek huwa obligat jersaq għall-kuntratt tal-fidwa;

Il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddeċidi f'kap separat fuq il-validità tal-proroga, għax eċċezzjoni fuq dan formalment ma ġietx mogħtija fil-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni tat-terminu mogħtija mill-konvenut u tilqa' t-talbiet; u tqabbad lin-Nutar Luigi Gauci Forno biex fl-awla ta' dil-Qorti jirċievi u jxandar l-att opportun tal-fidwa taċ-ċens, fl-10 a.m. fit-22 ta' Lulju 1946, bl-intervent ta' l-Avukat Dr. Maurice Caruana Curran bħala kuratur tal-kontumaċi;

L-ispejjeż ibatihom l-imħarrek.

---